KUNSILL LOKALI - GHAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**Minuti tad-Disgha u Hamsin (59) Laqgha tas-Sebgha(7) Kunsill Lokali Ghaxaq**

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Ghaxaq iltaqa' ghal Laqgha Numru 59 fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru 2016 fis-6.00pm.

**Preżenti**.

**IS-SINDKU DARREN ABELA**
**Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO**
**IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS - skuzata**
**IL-KUNSILLIER KEITH FENECH**
**IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI - skuzata**

**IS-SEGRETARJU EZEKUTTIV FIONA SAID**

Id-Disgha u Hamsin (59) Laqgha tas-Sebgha (7) Kunsill inzammet b'din l-Agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti

2. Approvazzjoniji tal-Hlasijiet:
   A. Skeda ta' Pagamenti: Numru 59/2016 - Awwissu -Settembru 2016
   B. Petty Cash – Awwissu 2016

3. Financial Statements 2015

4. Korrispondenza

5. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

6. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera

7. Aggornament tal-Laqgha

**Bidu tal-Laqgha:**

Il-Laqgha infethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Darren Abela.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1. Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgha Numru 58 li nzammet nhar l-Tlieta, 23 ta' Awwissu 2016 .

1.2. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 58 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

1.3 Il-Kunsillier Keith Fenech ressaq emenda rigward materja numru 8.2 fejn ippropona li ssir hekk indikat:-

'Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem dwar numru ta' problemi li l-Ghaqda Muzikali San Guzepp bhalissa qed tiffaccja. Numru zghir ta' girien li uhud minnhom gew joqoghdu Hal Ghaxaq ricentament u ohrajn li lanqas biss joqoghdu fil-propjeta li hemm hdejn il-kazin qed jaghmlu minn kollox biex iwaqqfu lill-kazin milli juza l-propjeta tieghu skond il-ligi kif ghandu dritt li jaghmel. Primarjament il-problemi bdew matul l-ahhar 3 snin wara li l-Ghaqda Muzikali San Guzepp xtrat propjeta gdida li tmiss mal-kazin l-antik u giet estiza mal-kazin. L-Ghaqda ghandha l-permessi necessarji kollha minghand il-PA. Il-Kunsillier Keith Fenech kompla billi ippropona li f'dan l-istadju il-Kunsill ghandu jiehu pozizzjoni dwar dan l-izvilupp. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarkat li l-Kunsill qatt ma oggezzjona dan l-izvilupp f'post privat ghaldaqstant awtomatikament mhuwiex kontra tieghu. Il-Kunsillier Fenech ippropona li per oil-Kunsill ghandu jiehu pozizzjoni cara favur il-hidma u l-kontribut li l-kazini jaghtu lir-rahal taghna u ghaldaqstant il-kunsill mhux talli ma joggezzjonax li l-kazini jkomplu jikbru anzi jinkoraggixxi tali progetti, dment li dak li jsir ikun dejjem skond il-ligi. Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Kunsill jiehu pozizzjoni u jiccara li l-Kunsill Lokali mhuwiex kontra l-ebda zvilupp fejn jidhlu l-ghaqdiet tal-lokal taghna u lest li jappogja dawn l-izviluppi dejjem jekk ikunu konformi mal-ligi. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.'

1.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 58 bl-emendi kif jidhru f'1.3. Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 58 gew approvati unanimament mill-membri prezenti.

2. **Approvazzjoni tal-Hlasijiet:**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 59/2016 – Awwissu - Settembru 2016***

2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 59-2016 bic-cekkijiet numru 5329 sa 5357 li tammonta €21,803.42
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo

2.4 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 59-2016 giet approvata unanimament mill-membri prezenti.

## 3. Financial Statements 2015

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Accountants qed isibu ftit ta' problema fil-bilanci li hemm fil-back-up li ntbaghatet mill-accountant precedenti.

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li se ssir laqgha mad-Direttur sabiex id-Dipartiment ikun infurmat bis-sitwazzjoni kontinwament.

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li nhar il-Hamis, 15 ta' Settembru 2016 ser isir il-Gbir tal-Hwejjeg mill-kumpanija Greenpak.

4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet Cirkulari Nru 22/2016 minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward policy gdida ghall-tqeghid ta' Boundary Walls, fejn il-Kunsill ma jistax jitlob flus ghall-permessi.

***F'dan l-istadju tal-laqgha, attenda fil-Kamra is-Sur John Fenech minn Elle's Urban Services Ltd. flimkien mal-Accountant tieghu. Il-Kunsill qabel li tigi diskussa il-materja rigward it-Tender tal-Patching.***

4.4 Is-Sur Fenech gie mistieden fil-laqgha tal-Kunsill minhabba korrispondenza li baghat dwar l-evalwazzjoni tat-tenders GHLC/T/01/2016: Road Resurfacing and Patching Works. Is-Sur Fenech talab li jinghata ir-ragunijiet ghalfejn it-tender tieghu ma gietx kunsidrata. Il-Kunsill, kif tkellem fl-ahhar laqgha, irrifjuta din l-offerta minhabba li kien hemm xi xoghlijiet li l-Perit tal-Kunsill hass li ma sarux skond l-*istandards*. Is-Sur Fenech qal li hu ilu jaghtu servizz lil dan il-Kunsill ghal diversi snin u ghaldaqstant talab li ma jigix iggudikat fuq din il-bicca xoghol li ghal perit ma kinitx sodisfacenti.

***F'dan l-istadju, il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Fenech u is-Sindku Darren Abela talab li terga tigi diskussa id-decizjoni tal-Kunsill bejn il-membri tal-Kunsill prezenti.***

4.5 Is-Sindku Darren Abela ippropona li f'dan l-istadju, d-decizjoni tigi revokata u dan minhabba li fit-tender hemm kundizzjonijiet nieqsa li ghandhom jigu mizjuda fit-tender il-gdid meta jerga johrog. Ghaldaqstant il-Kunsill mhux se jaghzel l-ebda offerta izda li jerga jinhareg t-tender b'kundizzjonijiet aktar specifikati. Dwar dan il-Kunsill qabel..

***Il-laqgha tkompliet skond l-Agenda, bil-Korrispondenza***

4.6 Tressqet korrispondenza minghand residenti fejn qed jilmentaw rigward kaxxa safra mizbugha quddiem in-Novita Bagno fi Triq Tumbarellu u qed jitolbu li din titnehha minhabba li sid il-hanut mhux intitolat ghaliha u qed tizdied iktar il-problema tal-parkegg. Il-Kunsill qabel li jibghat lit-TM sabiex tindika kif l-ahjar li ssir.

4.7 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li flimkien mas-Sindku Darren Abela, ser jattendu ghall-Inizjattiva Finanzjarja li ser issir bejn ir-Regjuni dwar pjan Ekonomiku, Socjali u Kulturali ghall-Komunita' fejn kull Regjun ha jinghata ghajnuna Finanzjarja ta' €20,000.

4.8 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se jinfethu l-applikazzjonijiet ghal *influenza vaccine* u se jkunu miftuhin sad-29 ta' Settembru 2016.

4.9 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex isiru rumble strips fi Triq Ghar Dalam quddiem St. Joseph Farm. Il-Kunsill qabel li tinbaghat it-talba ghall-attenzjoni tat-TM.

4.10 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li il-vann tal-Kunsill wasal ghal VRT, Licenzja u Insurance. Il-Kunsill qabel il-vann jerga jinghata lura lil min tah lil Kunsill u l-licenzja ma tiggedidx. Il-Kunsill qabel ukoll li tinhareg sejha ghal xiri ta' vann.

4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li hargu regolamenti godda dwar rimi ta' skart goff b'vetturi tal-Kunsill, fejn issa jistghu jithallew jidhlu b'xejn fic-Centri tal-Wasteserv.

4.12 Tressqet korrispondenza dwar ilment li ntbaghat lid-Dipartiment rigward talba ghal barriers fuq il-bankina fi Triq il-Qattus. Il-Kunsill qabel li tintbaghat it-talba lit-TM.

4.13 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex isiru laqghat ta' informazzjoni mill-Primary Health Care Department. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li jsiru fil-bini tal-Kunsill.

4.14 Tressqet korrispondenza dwar talba ghal bozza gdida fuq arblu fi Vjal l-Avjazzjoni Civili. Il-Kunsill qabel.

**5. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

5.1 Is-Sindku Darren Abela ippropona li jsir coverage fuq id-Dar tal-Bebbux fuq il-*media*. Il-Kunsill qabel.

5.2 Is-Sindku Darren Abela ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill il-Pjanti tal-progett tal Bypass. Rigward id-dhul ghal Vjal il-Labour, il-Kunsillier Keith Fenech sostna li fil-progett ghandu jithalla dhul ghal zewg karozzi kontra xulxin. Il-membri prezenti qablu. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo gibed l-attenzjoni li fejn twahhal l-istage qed ikun hemm kongestjoni kbira minhabba li ma thalliex post fejn tieqaf il-karozza tal-linja. Is-Sindku qal li se jressaq dawn l-ilmenti u suggerimenti.

5.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-attivita proposta ghall-Milied fejn gie suggerit li jsir Milied Russu. Il-Budget maqbul huwa dak ta' €2000. Fi zmien il-Milied, is-Sindku ppropona ukoll li ssir l-ikla ghall-impjegati, tournament tal-bocci (€100) u tournament tan-Nursery (€80), jinhareg il-fuljett, kif ukoll jigu organizzati xi hargiet ghat-tfal u l-anzjani. Is-Sindku ippropona ukoll li il-Kunsill jorganizza Father Christmas  biex iqassam ir-rigali lit-tfal. Il-Kunsill qabel li ghal dan kollu ghandu jsir *budget* ta' mhux aktar minn €3500.

**6. <u>Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera</u>**

6.1 Hadd mill-Kunsilliera ma ressaq ebda komunikazzjonijiet.

.

**7. Aggornament tal-Laqgha**

7.1. Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 4 ta’ Settembru 2016 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fid-8.30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |